MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH GALEA DEBONO**

Seduta tat-12 ta' Marzu, 2009

Appell Kriminali Numru. 374/2008

**Il-Pulizija**
**Vs**
**Fabio Psaila**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli fis-27 ta' Marzu, 2008, ghall-habta ta' 23.30 hrs, gewwa Birzebbuga w fil-jiem ta' qabel :

1. kiser il-garanzija mposta fuqu mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) Dr. A. Vella LL.D nhar il-5 ta' Lulju, 2007;
2. fl-istess data, hin u lok, b'diversi atti maghmula minnu wkoll jekk fi zminijiet differenti li jkunu jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi w ikunu gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda, w fi zmien ta' qabel f'hinijiet u zminijiet f'Malta gab ruhu b'mod li ta fastidju lil Isabelle Mercieca.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali tad-9 ta’ Dicembru, 2008, li biha, wara li rat l-artikoli 18, 251A u 383 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, ma sabitx lill-appellant hati tal-ewwel akkuza w ghaldaqstant illiberatu filwaqt li sabitu hati tat-tieni akkuza w ikkundannatu erba’ (4) xhur prigunerija sospizi ghal sentejn (2) ai termini tal-artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.
Il-Qorti spjegat il-portata ta’ din is-sentenza lill-appellant.

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fis-16 ta’ Dicembru, 2008, li bih talab li din il-Qorti joghgobha tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonfermaha fil-parti fejn sabet lill-appellant mhux hati tal-imputazzjonijiet migjuba kontrieh u cioe’ fl-ewwel akkuza, thassaraha w tirrevokaha fil-parti fejn sabitu hati w cioe’ fit-tieni imputazzjoni w kwindi tilliberah skond il-Ligi minn din l-imputazzjoni, htija w piena w minghajr pregudizzju, f’kaz li dan l-appell ma jintlaqax, tirriformaha fil-parti tal- piena w tinfliggi piena aktar idoneja w anqas harxa li tirrispekkja l-kaz in ezami.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravji tal-appellant, fil-qosor, huma s-segwenti w cioe' :- Li  l-piena inflitta eccediet il-massimu w dana stante li l-appellant gie kundannat ghal-piena ta' erba xhur prigunerija, taht il-provvedmenti tal-art. 28A tal-Kodici Kriminali meta l-piena applikabbli skond l-artikolu 251A (4) hija dik ta' prigunerija bejn xahar u tlitt xhur jew muta ta' mhux inqas minn 2329.37 Ewro u mhux izjed minn 4658.75 Ewro. Li l-fatti li taw lok ghall-incident kienu jirrigwardaw okkazzjoni li sehhet fis-27 ta' Marzu, 2008 ghall-habta tal-11.30 pm meta l-appellant mar ihabbat il-bieb ta' fejn kien jirrisjedi sa dak iz-zmien, cioe' block 5, flat 6, Triq tal-Gebel, Bini tal-Gvern, Birzebbugia, fejn kellu relazzjoni twila mal-kwerelanti li minnha kellu tlitt itfal. Dan gie accettat mill-kwerelanti li qalet ukoll li d-dritt tal-access ghall-uliedhom ma kienx regolat minn xi digriet ta'

Qorti w li l-appellant kien jara lill-uliedu meta kien ikun fil-flat. Hu mar ihabbat biex jorqod hemm u f' ebda hin ma hedded, ghajjar, kisser jew iffastidja b' xi mod iehor. Id-dinamika tal-incident ma tinkwadrax fl-elementi rikjesti fl-artikolu 251A. Li l-legislatur fl-art. 251A (3) haseb ghall-eventwalita' bhal din u persuna hekk akkuzata tista' ggib prova w b' hekk tiskolpa ruha billi, fost ohrajn, turi li *"fic-cirkostanzi partikolari, dik l-imgieba kienet wahda ragjonevoli."* Hu kien proprju agixxa b' mod ragjonevoli meta mar jipprova jidhol fil-post fejn kien jirrisjedi regolarment. Il-"fastidju" m'ghandux jiddependi minn semplici burdata li tkun tinstab fiha l-kwerelanti. In oltre, peress li l-partijiet kienu semplicement jikkoabitaw u mhux mizzewgin flimkien, l-aggravanti imsemmi fis-subartikolu (4), fejn il-piena tizdied bi grad jekk il-persuna tkun wahda minn dawk imsemmija fl-art. 222(1), ma jreggix f' dal-kaz .

Semghet ix-xhieda fl-udjenza tat-12 ta' Frar, 2009;

Semghet it-trattazzjoni;

Rat l-ordni taghha biex il-kawza tigi rikjamata ghas-sedutra tal-lum ghas-sentenza;

Ikkonsidrat;

Illi din il-Qorti ser tittratta t-tieni aggravju, li jirrigwarda s-sejbien ta' htija qabel l-ewwel wiehed, stante li dan jikkoncerna biss il-piena erogabbli f' kaz li tigi konfermata l-htija taht it-tieni imputazzjoni.

Illi l-kwerelanti **Isabella Mercieca** xehdet quddiem din il-Qorti li fis-27 ta' Marzu, 2008, fl-10.30 pm. jew 10.45 pm. kienet id-dar taghha rieqda mat-tfal taghha. Hi ghandha sitt itfal, tlieta minn tal-appellant u tlieta ohra mir-ragel li kienet mizzewga mieghu. Gie l-appellant u beda jhabbat mal-bieb u *qalilha "Lestili t-tfal, ha nohodhom issa."* Hi qaltlu : "*Kieku naf li natik it-tfal u natik il-basket u titlaq 'l hemm u ma narakx aktar taghmilli pjacir."* Kien qalilha ukoll :"*Jien ghandi kull dritt li nigi x' hin irrid ghat-tfal."* u hi wegbitu : *"Imma dawn il-hinijiet mhux il-hinijiet li*

*inqajjimlek it-tfal."* Hi baqghet ma tathomlux it-tfal dak in-nhar.

It-tfal twerwru. Ghandha tifla ta' sentejn. It-tfal kollha qamu w qaghdu bil-qeghda fis-salott. L-appellant baqa' jippika. Ipprova jiftah il-bieb u fl-ahhar fethitlu hi stess ghax il-flat qam bl-ghajjat u t-tisbit li sabbat mal-bieb, ghax dal-bniedem, jekk ma tiftahlux, jiftahlek hu. Dahal u qalilha "*Tini t-tfal ha nohodhom issa."* Hi qaltlu: *"Ha nlestihomlok it-tfal."* Qaghad taparsi jcempel lin-nies u jippassiggja gol-kamra jcempel lil dak u lill-iehor.

Hi cemplet l-ghassa w dawn baghtu ghall-appellant. Cemplulha mill-ghassa w qalula li setghet torqod ghax ma kienx ser jerga' jmur hemm l-appelant. Wara kellha tmur go *home* ghax l-appellant xorta baqa' jmur id-dar bil-pussess li jekk ma tiftahlux ha jisgassa l-bieb gewwa. Id-dar mikrija f' isimha.

Ix-xhud qalet ukoll li anki fil-jiem ta' qabel dan l-incident kellha okkazzjonijiet ohra w kwazi dejjem l-ghassa kienet tkun. Kull fejn tmur dejjem tarah warajha, jqabbad lil min isegwiha lilha w icemplulha. Jekk tkun qed tiehu pizza mat-tfal, tarah ghaddej wara ftit minuti w, kif tinzel mill-flat tarah hemm. Dan minkejja l-garanzija. Kien ghadu jaghmel l-istess sa meta kienet qed tixhed fit-12 ta' Frar, 2009.

Fl-affidavit tieghu, **PS 645 Jerry Attard** (Fol. 7 tal-process) iddikjara li fis-27 ta' Marzu, 2008, gie infurmat mill-Control Room li kien hemm xi inkwiet fil-fond in kwistjoni w hu mar hemm u kellem lix-xhud precedenti li qaltlu li l-appellant kien mar ihabbat wara l-bieb ta' barra biex jidhol gewwa w hi ma accettatx. Kompliet tghid li l-appellant kellu garanzija sabiex ma jdejjaqhiex u ma jimmolestahiex. Qalet li l-appelant kien qed jaghmel uzu minn vettura numru DAR 194. Hu kien kellem lill-appellant li kien qallu li mhux veru kien mar ghand Mercieca w mhux veru li ried jidhol ghandha.

**L-Appellant** xehed li mhux minnu li kien mar biex jiehu t-tfal dak in-nhar. Hu kien ilu b' relazzjoni ma Mercieca w kien joqghod ghandha. It-tfal li ghandu minnha registrati fuq ismu. Kellu l-*identity card* tieghu fl-indirizz ta' Mercieca w issa bidilha w nehhiha minn hemm. Hu ghandu access ghat-tfal bejn l-4.30pm u s-6 pm., tlitt darbiet fil-gimgha u jew is-Sibt jew il-Hadd u m'ghandux ghalfejn johodhom fl-10.30 pm. Hu kien mar biex jorqod hemmhekk. Darba Mercieca kienet keccietu 'l barra w kienu tkellmu w regghet accettatu. Gurnata qabel kienu ggieldu. Jumejn kien ilu ma jorqod hemm. Hi stess accettat li tifathlu w dahhlitu gewwa. Wara l-garanzija, Mercieca kienet accettat li jerga' jmur jghix maghha. Hi tilghab bis-sentimenti.

Ikkonsidrat;

Illi l-appellant instab hati tar-reat kontinwat ta' fastidju skond l-artikoli 251A tal-Kodici Kriminali. Illi r-reat ta' “fastidju” (fit-test Ingliz *“harassment*”) gie introdott ghall-ewwel darba fil-ligi penali Maltija bl-Att XX tas-sena 2005 u inkorporat fl-artikoli 251A, 251B, 215C u 215D tal-Kodici Kriminali.

L-artikolu 251A johloq ir-reat ta’ persuna li ggib ruha b’ mod li taghti fastidju lil persuna ohra u b’ mod li tkun taf jew imissha tkun taf li dan ikun ta’ fastidju ghal dik il-persuna. Dan hu r-reat dedott taht ir-raba' imputazzjoni. Il-ligi fis-sub-inciz (2) tkompli tiddisponi li persuna li tkun qed iggib ruha b’ mod dubbjuz imissha tkun taf li dik l-imgieba tammonta ghal fastidju ta’ persuna ohra jekk fil-qies ta’ persuna ragjonevoli li jkollha l-istess informazzjoni, din kienet kieku tahseb li dik l-imgieba kienet tammonta ghal fastidju tal-persuna l-ohra. Fis-subinciz (3) ( c ) il-ligi tkompli tghid li persuna akkuzata b’ reat taht dan l-artikolu tista’ ggib prova li fic-cirkostanzi partikolari dik l-imgieba kienet wahda ragjonevoli. Fl-artikolu 251C hu provvdut li riferenzi ghall-ghoti ta’ fastidju lil persuni jinkludi meta wiehed jaghti qata’ : (“*alarming”)* jew idejjaq: (“*causing ..distress”)* lill-persuna.

Ikkonsidrat;

Illi apparti mid-dispozizzjoni kontenuta fl-artikolu 251C li tghid li riferenzi ghall ghoti ta’ fastidju lil persuni jinkludu meta wiehed jaghti qata’ jew idejjaq lill-persuna. *(“alarming the person or causing the person distress”* fit-test Ingliz), il-ligi taghna ma taghti ebda definizzjoni ohra tat-terminu generiku  fastidju jew *”harassment”.* Issa fil-waqt li n-nuqqas ta’ definizzjoni specifika w dettaljata tar-reat in dizamina taghmilha possibbli ghall-gudikant li jqis bhala fastidju agir li jkun jiehu l-forma ta’ diversi varjazzjonijiet tal-istess delitt, jista’ mill-banda l-ohra johloq ukoll incertezzi fl-applikazzjoni tal-ligi penali fir-rigward ta’ dawn it-tip ta’ reati li ta’ sikwiet jimbtu minn relazzjonijiet inter-personali komplikati w delikati.

F’sistemi legali barranin gie stabilit li wahda mill-forom li jista’ jiehu l-fastidju jew *harassment* hu dak tal-ippedinar, insegwiment jew bl-Ingliz *“stalking*”. Dan l-agir jista’ jkun provokat minn diversi ragunijiet jew “*patterns of behaviour”.* Jezistu per ezempju kazijiet ta’ ***<u>“rejected stalkers”</u>*** fejn il-persuni koncernati jsegwu l-vittma bil-ghan li jregghu lura, jikkoregu jew jivvendikaw ruhom ghall-*“rejection*” mill-vittma taghhom. Hemm kazjiet ta’ *“resentful stalkers”*  li jkunu qed jippruvaw jaghmlu vendetta ghax ikollhom xi lanjanza kontra l-vittma, bil-ghan li jbezzghu jew jinkwetaw u jdejjqu l-vittma. Hemm umbaghad l-*“intimacy seekers”* li jkunu bil-hsieb li jistabilixxu xi relazzjoni intima jew ta’ mhabba mal-vittma taghhom. Hemm l-*“erotomanic stalkers”* li jemmnu li l-vittma taghhom tkun thobbhom u jinterpretaw dak li l-vittma tghid u taghmel biex isahhu d-deluzzjoni taghhom. Tip iehor ta’ *stalker* hu dak tal-“*incompetent suitor”* li ma jkunux kapaci li javvicinaw lill-vittma taghhom socjalment, jew ghax jisthu jew ghal xi raguni ohra ta’ inadekw atezza, imma li xorta wahda jippretendu li jkollhom relazzjoni intima mall-vittma taghhom. Umbaghad hemm it-tip tal-*“predatory stalker”* li josservaw il-vittmi taghhom bil-ghan li jhejju pjan ta’ xi tip ta’ attakk sesswali. (ara : App. Krim. **"Il-Pulizija vs. A. Caruana Carabez** [21.6.2007] u "**Il-Pulizija vs. Massimo Trivisini** " [27.2.2009] )

Kull tip ta’ dan l-agir pero’ hu kalkolat li johloq certa biza’ f’ dak li jkun b’mod li johloq sensazzjoni li qed tigi segwit u mpoggi taht certa pressjoni ingusta. Hu proprju dan li din il-ligi l-gdida trid tipprojbixxi.

Illi mix-xiehda ta' Isabella Mercieca, kif gja intqal, u mill-fedina penali aggornata tal-appellant jirrizulta wkoll li dan l-incidenti tas-27 ta' Marzu, 2008 ma kienux ta’ darba jew kaz izolat imma kien precedut minn ohrajn fejn l-appellant sahansitra kien ghal darbtejn processat u nstab hati ta' theddid u hebb w uzu ta' vjolenza fil-konfront ta' Mercieca w fit-3 ta' Mejju, 2002 kien gie liberat b' kondizzjoni w giet imposta fuqu garanzija ta' Lm100 biex ma jimmolestax lil Mercieca. Umbaghad, fil-5 ta' Lulju, 2007, kienet giet imposta fuqu garanzija ta' LM1000 biex ma jimmolestax lil Mercieca w lill-uledha oltre li tpogga taht *probation* ghall-periodu ta' sentejn. Minkejja l-kundanni li ssubixxa, jidher li l-appellant ftit li xejn ta widen ghall-provvedimenti ta' dawn is-sentenzi w il-garanziji imposti fuqu biex ma jkomplix jaghmel dan. Dan hu kaz klassiku ta’ fastidju ripetut u dan hu proprju l-agir li fil-fehma ta’ din il-Qorti, il-ligi trid tipprojbixxi w tippunixxi bl-artikoli l-godda fuq imsemmija introdotti fil-Kodici Kriminali bl-Att XX tal-2005.

Illi l-appellant isostni li mhux minnu li hu kien mar biex jiehu lill-uliedu f' dak il-hin hekk tard u stramb, izda jghid li mar hemm biex jorqod, ghax, minkejja l-garanzija, Mercieca kienet regghet laqghatu f' darha ghal certu zmien fejn kien qed jghix maghha w ma uliedhom.

Illi pero', kif xehed hu stess quddiem din il-Qorti, l-appellant kien iggieled ma Mercieca l-jum ta' qabel u din keccietu 'l barra minn darha li kienet mikrija fuq isimha. Indubbjament la l-partijiet mhumiex mizzewwgin imma biss pogguti *"on again, off again"*, l-appellant ma kellu ebda dritt li jesigi, kif ghamel, li jidhol hemm, ladarba Mercieca ma kellhiex pjacir bih dak in-nhar, kienet x' kienet ir-raguni ta' dan. Dik kienet darha w kellha dritt tirrifjutalu l-access ghaliha. Anki jekk finalment fethitlu, dan ghamlitu ghax bl-istorbju li ghamel kien qajjem il-blokk tal-flats kollu dak il-hin ta' bil-lejl u mhux ghax riedet

tiftahlu dak il-hin. Kien proprju r-rizultat tal-fastidju li kienet kostretta li taghmel dan.

Il-fatt li mbaghad hemm gew kien hemm ukoll uliedu minnu rikonoxxuti, lanqas ma kien jintitolah ghal xi access forzat. Kif jghid hu stess fix-xhieda tieghu, hu kellu access bejn il-4.30 pm u 6pm. tlitt darbiet fil-gimgha w darba s-Sibt jew il-Hadd u allura zgur li  ma kellux ghalfejn imur ghat-tfal f' dak il-hin hekk tard bil-lejl.

Konsegwentement l-appellant ma jistax jibbenefika minn xi wahda mill-eccezzjonijiet kontemplati fis-subartikolu (3) tal-artikolu 251A, u partikolarment mis-sub-inciz ( c ) ghax l-imgieba tieghu fic-cirkostanzi ma setghet qatt titqies bhala wahda *"ragonevoli".*

Ghalhekk din il-Qorti, wara li fliet bir-reqqa l-provi kollha, thoss li ma ghandhiex tiddisturba il-gudizzju tal-Ewwel Qorti dwar is-sejbien ta’ htija tat-tieni imputazzjoni.

Ikkonsidrat;

Illi l-ewwel aggravju mbaghad jirrigwarda l-piena erogata mill-ewwel Qorti.  Illi din il-Qorti mhux normali li tiddisturba l-piena meta din tkun taqa' entro l-parametri tal-ligi w ma tkunx manifestament eccessiva.

Illi f' dan il-kaz l-artikolu 251A jippreskrivi piena karcerarja ta' mhux inqas minn xahar u mhux izjed minn tlitt xhur prigunerija w/jew il-multa. Illi fis-sentenza appellata jinghad espressament li peress li kienet qed tqis ir-reat bhala wiehed kontinwat fejn il-piena tista' tizdied bi grad skond l-art. 18 tal-Kap.9, kienet qed tigi imposta piena ta' erba xhur prigunerija, liema piena pero' kienet ser tkun sospiza. Dan ghalhekk jispjega ghala l-piena hi dik li hi w taqbez il-massimu ta' tlitt xhur ghar-reat semplici w mhux reat kontinwat. Di fatti skond l-artikolu 18, fil-kaz ta' reat kontinwat il-piena tista' tizdied bi grad jew sahansitra tnejn u ghalhekk il-piena massima setghet titla' sahnsitra sa disa' xhur prigunerija f' kaz ta' zieda b' zewg gradi w sa sitt xhur prigunerija f' kaz ta' zieda bi grad. Konsegwentement dan l-aggravju kif impostat, hu manifestament infondat.

Ghar-rigward tat-talba ghar-riduzzjoni fil-piena ghal wahda aktar idonea - ghalkemm ma hemmx aggravju dwar dan apparti dak appena respint fil-paragrafu precedenti - din il-Qorti meta tqis il-kondotta arci-refrattarja tal-appellant, li mill-1991 'l hawn, diga' nstab hati mill-Qrati sitta w ghoxrin (26) darba w fosthom ghall-reati serji bhal serq aggravat, truffa, harba mil-*lock-up*, glied u theddid ripetut, ingurji w theddid ripetut lill-Pulizija, garr ta' armi bla licenzja, reat kontinwat ta' serq aggravat, serq u offizi fuq il-persuni, ricettazzjoni, serq ta' twapet aggravat, tentattiv ta' serq ta' karozza, w dan apparti kwantita' ta' reati ohra tat-traffiku w apparti l-kundanni subiti ghal reati fil-konfront tal-istess Isabella Mercieca fuq imsemmija, thoss li l-Ewwel Qorti imxiet b' mod miti wisq mal-appellant, li ghalkemm hu plurimu recidiv, dejjem gie jew immultat jew liberat b' kondizzjoni jew inghata sentenzi sospizi, x' aktarx bi ksur tal-istess ligi. Ghalhekk ma tara li hemm assolutament ebda lok ghall temperament fil-piena ta' prigunerija sospiza li ghall-ennezima volta regghet inghatat fis-sentenza appellata.

Ghal dawn il-motivi, din il-Qorti qed tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------